MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2012

Numru 759/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Justin Abdilla**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Justin Abdilla, iben Paul u Mary nee' Aquilina, imwieled nhar it-22 ta' Marzu 1988, Pieta' u residenti 44, Triq il-Qalb Imqaddsa, B'Kara u detentur tal-karta tal-identita' numru 152088(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Ottubru 2009 u/jew xhur wara xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew b'kull mod indahal sabiex imexxihom jew ibeighhom;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta' Lulju 2010 (esebit *a folio* 24 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta ta' 10 ta' Dicembru 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tal-4.15am certu Gaynor Bajada ghamlet rapport fl-Ghassa ta' San Giljan[1] fejn hija qalet li waqt li kienet fl-istabbiliment ta' Havana, F'San Giljan kien insterqilha il-handbag li fih kien hemm mobile phone tal-marka Nokia N95 li kellu valur ta' hames mitt Ewro. Mill-investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija mas-service providers fil-qasam tat-telefonija cellulari gie stabbilit li l-mobile phone li nsteraq li kellu IMEI 354829022248151 wara l-25 ta' Otubru 2009 kien gie utilizzat mis-segwenti linji 99255132 u 99044246. Dan l-ahhar numru kien registrat f'isem Justin Abdilla u cioe' l-imputat fil-kawza odjerna filwaqt li n-numru l–iehor ma kienx registrat. Din l-informazzjoni tirrizulta mid-dokument inserit a fol. 7 tal-atti proceswali u giet konfermata minn Damaris Agius ir-rapprezentant tal-Voddafone li xehdet waqt l-udjenza tal-24 ta' Marzu 2011. Abbazi ta din l-

[1] Rapport relattiv inserit a fol. 3 sa 6 tal-atti processwali.

informazzjoni l-Pulizija kienet interrogat lill-imputat[2] fejn huwa spjega lli it-telephone cellulari in dizamina kien gie fil-pussess tieghu bi tpartit li huwa ghamel ma certu CJ minn B'Kara li kien jafu ghaliex qabel kien jahdem mieghu. Huwa qal li kien iltaqa' ma dan CJ f'hanut tad-Dvd's u dan kien ammira l-arlogg li kien liebes li kien imitation Rolex li xtara minn Dubai ghall-prezz ta' €50 u u huwa qallu li kien lest li jaghtihulu bi tpartit u staqsih x'kien ser jaghtih ghalih u dan CJ offra li jaghtih il-mobile phone in dizamina. L-imputat qal li CJ qal li kien ivverifika li l-mobile kien originali u meta gie mistoqsi jekk kienx staqsa jekk il-mobile phone kienx misruq huwa rrisponda fl-afirmattiv u qal li CJ kien qallu li l-mobile ma kienx misruq u kien urih il-kaxxa tal-mobile u l-garanzija izda huwa kien qallu li ma kellux bzonnhom. L-imputat qal ukoll li kien jaf li dan il-mobile phone kien jiswa madwar €430. L-imputat qal ukoll li sussegwentement huwa kien biegh dan il-mobile phone lil terz ghall-prezz ta' €140 izda ma ndikax lil min bieghu. .L-imputat ofra l-istess verzjoni meta ghazel li jixhed f'dawn il-rpoceduri waqt l-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2011.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b'imputazzjoni ta' ricettazzjoni u cioe bir-reat kontemplat fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti wara li ezaminat il-provi migjuba mill-Priosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova din l-imputazzjoni sal-grad rikjest mill-ligi. Dan jinghad ghaliex gie pruvat li l-mobile phone kien gej minn serq, gie pruvat li l-imputat kien fil-pussess ta' dan il-mobile phone ftit wara li nsteraq u gie pruvat ukoll li l-imputat kien jaf li dan il-mobile phone kien gej minn serq jew li kien mehud b'reat fil-mument li gie fil-pussess tieghu. Dan jinghad ghal diversi ragunijiet, fosthom ghaliex wiehed difficilment jemmen kif l-imputat ma setghax jissuspetta xejn hazin meta dan CJ accetta li jpartat mobile phone li kien jiswa madwar €450 ghal arlogg li kien jiswa €50 fejn l-imputat stess ikkonferma li kien jaf ben tajjeb kemm kein jiswa dan il-mobile phone.

[2] Stqarrija relattiva nserit afol. 20 u 21 tal-atti processwali .

Inoltre wiehed difficilment jifhem ir-raguni il-ghala l-imputat kellu jirrifjuta li jaccetta il-konsenja tal-kaxxa u tal-garanzija tal-mobile sakemm mhux ghaliex dawn fil-fatt qatt ma ntwerew lilu.

Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li fil-mument li l-imputat gie fil-pussess tal-mobile phone in dizamina huwa kien jaf ben tajjeb li dan kien gej minn serq jew li kien mehud b'reat u huwa ghalhekk ser jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ghandu fedina penali tista' tghid nadifa kif ukoll l-eta' tieghu u jidrilha li fic-cirkostanzi m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 334 u 279(a) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax (12)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------